MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 191/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-sitta u ghoxrin (26) ta’April 1997, u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument “A”;

Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

U illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 1997 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana ai termini ta' dak dispost fl-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

]l-konvenuta minn issa ngunta biex tixhed ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u ta' Omissis u omissis

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta’ April, 1997 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta ma rrisponditx ghat-talba attrici u kwindi baqghet kontumaci, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan apparti l-fatt illi skond il-ligi taghna, il-kontumacja hija dejjem kontestazzjoni u mhux ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1)(d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
19 (1)(f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb b’eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li l-partijiet kellhom gherusija normali izda skond l-attur huwa kien ihobb tfajla ohra

li kien gharus lilha u ghalkemm beda johrog mal-konvenuta qatt ma nesa lil din it-tfajla u jidher li dahal fir-relazzjoni kif jghidu l-inglizi *on the rebound*. Il-preparamenti ghat-tieg ghamlithom kollha l-konvenuta u ma kienx kuntent dakinhar tat-tieg izda beza' jhassar kollox. L-attur jitfa' t-tort kollu fuqu u ma jwahhal b'ebda mod fil-konvenuta izda jammetti li z-zwieg kien zball kbir ghax hu qatt ma hass l-imhabba li wiehed jistenna minn ragel mizzeweg. Il-Qorti ghalhekk jidrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-sub-artikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-26 ta' April, 1997. L-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------